A.L. 81 ta' l-2005

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINJARJI (KAP. 437)

Regoli ta' l-2005 dwar Sustanzi mhux Mixtieqa fl-ikel ta' l-Annimali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is- Servizzi Veterinarji, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u ta' l-Ambjent, wara konsultazzjoni mal-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, għamel dawn ir-regoli li ġejjin:

Titolu, skop u applikabilità.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2005 dwar Sustanzi mhux Mixtieqa fl-Ikel ta' l-Annimali, 2004.

(2) Dawn ir-regoli huma dwar sustanzi mhux mixtieqa fi prodotti intiżi bħala ikel għall-annimali.

(3) Dawn ir-regoli huma intiżi sabiex jimplimentaw il-provvedimenti tad-Direttiva 2002/32 KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-ikel ta' l-annimali.

(4) Dawn ir-regoli huma applikabbli mingħajr preġudizzju għall provvedimenti :

(a) f'Ordni (70/524) dwar additivi fl-ikel ta' l-annimali;

(b) f'Ordni (96/25) u Ordni (79/373) dwar it-tqegħid fis-suq ta' l-ikel ta' l-annimali kompost*;*

(ċ) f'Ordnijiet li jistabbilixxu livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi, fejn dawn ir-residwi m'humiex elenkati fi Skeda I ta' dawn ir-regoli;

(d) f'Leġislazzjoni veterinarja rigwardanti s-saħħa pubblika u s-saħħa ta' l-annimali;

(e) f'Ordni (82/471) rigwardanti ċerti prodotti użati fin-nutriment ta' l-annimali;

(f) f'Ordni (93/74) dwar ikel intiż għal ċerti għanijiet ta' nutriment.

Tifsir.

2. Għall-iskop ta' dawn ir-regoli:

"additivi" tfisser addittivi hekk kif definiti fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva tal-Kunsill (70/524)/KEE;

"annimali" tfisser annimali li jappartjenu għal-speċi li normalment tiġi mitmugħa u tinżamm jew tiġi kkunsmata mill-bniedem, kif ukoll annimali li jgħixu liberament fis-selvaġġ f'każijiet fejn dawn jiġu tmati bl-ikel;

"awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità kompetenti msemmija fl-artikolu 2 (f) ta' l-Ordni (95/53) li tistabilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' ispezzjonjiet uffiċjali fil-qasam tan-nutriment ta' l-annimali;

"ikel" tfisser prodotti li joriġinaw minn ħxejjex jew annimali, fl-istat naturali tagħhom, friski jew preservati, u prodotti derivanti mill-iproċessar industrijali ta' l-istess, u sustanzi organiċi u inorganiċi, kemm jekk użati waħidhom kemm f'taħlitiet, u kemm jekk jikkontjenu addittivi kemm jekk le, għat-tmigħ orali ta' l-annimali;

"ikel komplementari " tfisser taħlitiet ta' ikel b'kontenut għoli ta' ċerti sustanzi u li, minħabba l-komposizzjoni tagħhom, huma suffiċjenti bħala razzjon ta' kull jum biss jekk użati flimkien ma' ikel ieħor;

"ikel komplet" tfisser taħlitiet ta' ikel li, minħabba l-komposizzjoni tagħhom, huma biżżejjed bħala razzjon ta' kull jum;

"ikel kompost" tfisser taħlitiet ta' materjali għall-ikel, sew jekk jikkontjenu addittivi sew jekk le, intiżi għat-tmigħ orali ta' l-annimali bħala ikel komplet jew bħala ikel komplementari;

"intiżi għat-tmigħ ta' l-annimali" tfisser materjali ta' l-ikel, *premixtures*, additivi, ikel u kull prodott ieħor intiż sabiex jintuża jew li jiġi wżat għat-tmigħ ta' l-annimali;

"il-Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropeja;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropeja;

"materjali ta' l-ikel " tfisser prodotti varji li joriġinaw minn ħxejjex jew mill-annimali, fl-istat naturali tagħhom, friski jew preservati, kif ukoll prodotti derivanti mill-iproċessar industrijali ta' l-istess, u sustanzi organiċi jew inorganiċi, sew jekk jikkontjenu addittivi sew jekk le, intiżi għat-tmigħ orali ta' l-annimali, kemm direttament kif ukoll għall-użu fil-preparazzjoni ta' ikel ta' l-annimali kompost jew bħala sub-strati għall-*premixtures* wara li jiġu pproċessati;

"*premixtures*" tfisser taħlitiet ta' addittivi jew taħlititiet ta' additiv jew additivi b'sustanzi użati bħala *carriers*, intiżi għall-manifattura ta' taħlitiet ta' addittivi jew taħlitiet ta' wieħed jew aktar additivi ma' sustanzi wżati bħala *carriers*, intiżi għall-manifattura ta' ikel ta' l-annimali;

"razzjon ta' kull jum" tfisser il-kwantità totali medja ta' ikel, ikkalkulata fuq kontentut ta' umdità ta' 12%, meħtieġa minn annimali ta' speċi, età u daqs partikolari, sabiex jiġu sodisfati l-bżonnjiet kollha tiegħu;

" Stat Membru" tfisser stat membru ta' l-Unjoni Ewropeja;

"sustanza mhux mixtieqa" tfisser kull sustanza jew prodott, b'eċċezzjoni biss għall-aġenti patoġeniċi, li jinsabu fi u, jew fuq il-prodott intiż għat-tmigħ ta' l-annimali u li tista' potenzjalment tikkawża periklu lis-saħħa ta' l-annimal jew tal-bniedem, jew lill-ambjent, jew li tista' tikkawża ħsara lill-produzzjoni tal-bhejjem;

"tqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni" jew "tiċċirkola" tfisser iż-żamm ta' prodott intiż għat-tmigħ ta' l-annimali, inkluż l-offerta ta' bejgħ, jew kull forma oħra ta' trasferiment, lil terzi, u l-bejgħ u kull forma oħra ta' trasferiment innifisha, kemm jekk għal-ħlas kemm jekk le.

Prodotti ta' ikel għall-annimali.

3. (1) Prodotti intiżi għat-tmigħ ta' l-annimali jistgħu jiddaħħlu f'Malta minn pajjiżi terzi, jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni u, jew jintużaw fit-territorju ta' Malta biss jekk huma ta' kwalità sħiħa, ġenwina u negozjabbli. Meta jintużaw korrettement, dawn il-prodotti ma' jippreżentaw ebda periklu lis-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimal, jew lill-ambjent, jew ma' jikkawżaw ebda ħsara lill-produzzjoni tal-bhejjem.

(2) B'mod partikolari, prodotti intiżi għat-tmigħ ta' l-annimali jitqiesu li m'humiex konformi mas-subregola (1) jekk il-livell ta' sustanzi mhux mixtieqa li jikkontjenu ma' jaqbilx mal-livelli massimi stabbiliti fi Skeda I.

Tolleranza għal sustanzi mhux mixtieqa.

4. (1) Sustanzi mhux mixtieqa stabbiliti fi Skeda I jistgħu jiġu tollerati fi prodotti intiżi għat-tmigħ ta' l-annimali biss skond il-kundizzjonijiet hemm stabbiliti.

(2) Sabiex is-sorsi ta' sustanzi mhux mixtieqa fi prodotti intiżi għat-tmigħ ta' l-annimali jitnaqqsu jew jiġu eliminati, l-awtorità kompetenti, bil-koperazzjoni ta' l-operaturi ekonomiċi, għandha tmexxi investigazzjonijiet sabiex jiġu identifikati s-sorsi ta' sustanzi mhux mixtieqa, f'każijiet fejn il-livelli massimi jiġu superati u f'każijiet fejn jinstabu livelli miżjuda ta' l-istess sustanzi, b'konsiderazzjoni għall-livelli fl-isfond. Sabiex każijiet ta' livelli miżjuda jiġu trattati uniformament, jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu stabilliti livelli massimi li jekk jinqabżu joħolqu bżonn ta' tali investigazzjoni (*action threshold)*. Dawn jistgħu jiġu stabbiliti fi-Skeda II.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tikkomunika lill-Kummissjoni u lill-organizzazzjoni internazzjonali rilevanti, u lill-Istati Membri l-oħra ta' l-Unjoni Ewropeja, kull informazzjoni u sejbiet ta' dan is-sors u tal-miżuri mittieħda sabiex jitnaqqas tali livell jew sabiex tiġi eliminata s-sustanza mhux mixtieqa. Din l-informazzjoni għandha tiġi trasmessa fil-forma ta' rapport annwali li għandu jiġi komunikat lill-Kummissjoni u lill-organizzazzjoni internazzjonali rilevanti skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 22 tad-Direttiva (95/53)/KE u dan ħlief għal dawk il-każijiet fejn din l-informazzjoni hija ta' rilevanza immedjata għall-Istati Membri l-oħra. F'din l-aħħar ċirkostanza, din l-informazzjoni għandha tiġi komunikata immedjatament.

Prodotti li m'għandhomx jitħalltu.

5. Prodotti intiżi għat-tmigħ ta' l-annimali li jikkontjenu livelli ta' sustanzi mhux mixtieqa li jaqbżu l-livell massimu stabbiliti fi Skeda I m'għandhomx jitħalltu bl-iskop li l-istess jiġu dilwiti jew li jitħalltu ma' prodotti oħra ntiżi għat-tmigħ ta' l-annimali.

Ikel komplementari.

6. Sakemm m'hemmx disposizzjonijiet speċjali għall-ikel komplementari, l-ikel komplementari m'għandux jikkontjeni livelli ta' sustanzi mhux mixtieqa stabbiliti fi Skeda I li jaqbżu dawk stabbiliti għall-ikel komplet, u dan b'konsiderazzjoni għall-porzjon previst għall-użu ta' l-istess ikel kompelementari f'razzjon ta' kull jum.

Informazzjoni ġdida.

7. (1) L-awtorità kompetenti tista', fuq bażi ta' raġunijiet meħuda fuq informazzjoni ġdida jew informazzjoni eżistenti li ġiet rivalutata wara li l-provvedimenti rilevanti ġew adottati, li tindika li l-livell massimu stabbilit fi Skeda I, jew sustanza mhux mixtieqa mhux hemmhekk elenkata, tista' tkun ta' periklu għas-saħħa ta' l-annimal, jew tal-bniedem, jew għall-ambjent, proviżorjament tnaqqas il-livell massimu eżistenti, u tiffissa livell massimu jew tipprojbixxi l-preżenza ta' l-istess sustanza mhux mixtieqa fi prodotti intiżi għat-tmigħ ta' l-

annimali. L-awtorità kompetenti, f'tali każ għandha immedjatament tinforma lill-istati Membri l-oħra, u lill-Kummissjoni u lill-organizzazzjoni internazzjonali rilevanti, u għandha tindika r-raġunijiet għal deċiżjoni bħal-dik.

(2) Għandha tittieħed deċiżjoni immedjata dwar jekk Skedi I u II għandhomx jiġu emendati.

(3) Sakemm la l-Kunsill jew il-Kummissjoni u l-organizzazzjoni internazzjonali rilevanti tkun ħadet deċiżjoni, l-awtorità kompetenti tista' żżomm il-miżuri li tkun implimentat. L-awtorita' kompetenti għandha tiżgura li din l-informazzjoni tkun pubblika.

Adattament ta' l-Iskedi.

8. (1) L-Iskedi I u II għandhom jiġu adattati skond żviluppi xjentifiċi u tagħrif tekniku, u dan skond id-deċiżjonijijet adottati mill-organizzazzjoni internazzjonali rilevanti.

(2) L-awtorità kompetenti għandha wkoll:

(a) perjodikament tadotta verżjonijiet konsolidati ta' Skedi I u II b'dan illi jiġi inkorporat kull adattament magħmul skond is-subregola (1) ;

(b) tispeċifika kriterji aċċettabbli għall-proċessi ta' detossifikazzjoni li għandhom jikkomplementaw il-kriterji provduti għal prodotti ntiżi għat-tmigħ ta' l-annimali li jkunu diġà għaddew minn proċessi bħal dawk.

(3) Għandhom jittieħdu miżuri li jiggarantixxu l-applikazzjoni korretta ta' proċessi aċċettabbli magħmula skond is-subregola (2) kif ukoll il-konformità tal-prodotti detossifikati intiżi għat-tmigħ ta' l-annimali skond il-provvedimenti ta' Skeda I.

Ebda restrizzjoni oħra ma' hi applikabbli.

9. Prodotti intiżi għat-tmigħ ta' l-annimali li jkunu skond dawn ir-regoli m'għandhom jiġu soġġetti għal-ebda restrizzjoni oħra rigward iċ-ċirkolazzjoni f'dak li jirrigwarda l-preżenza ta' sustanzi mhux mixtieqa, u dan ħlief għal-dawk ir-restrizzjonijiet stabbiliti f'dawn ir-regoli u fid-Direttiva (95/53)/KE.

Provvedimenti li jistgħu jiġu adottati.

10. Provvedimenti li jista' jkollhom effett fuq is-saħħa pubblika jew fuq is-saħħa ta' l-annimal jew fuq l-ambjent jistgħu jiġu adottati wara konsultazzjoni ma' l-organizzazzjoni internazzjonali rilevanti.

SKEDA I

Sustanzi mhux mixtieqa	Prodotti intizi għat-tmigħ ta' l-annimali	Kontenut massimu fi mg/kg (ppm) relattiv għall-ikel b'kontenut ta' umdita` ta' 12%
(1)	(2)	(3)
1. Arseniku	Materjal ta' l-ikel b'eċċezzjoni għal : - ikliet magħmula minn ħxejjex, luċerna mnixxfa u minn silla mnixxfa, u mill-qal a tax-xitla taz-zokkor u mill-għasel tal-qalba tax-xitla taz-zokkor - fosfati u ikel meħud mill-iproċessar ta' ħut u annimali oħra ta' l-ilma Ikel komplet b'eċċezzjoni għall-: - ikel komplet għall-ħut Ikel komplementari b'eċċezzjoni għall-: - Ikel minerali	2 4 10 2 4 4 12
2. Comb	Materjal ta' l-ikel b'eċċezzoni għal : - għalf aħdar - fosfati - ħmira Ikel komplet Ikel kompelementari b'eċċezzoni għal: - Ikel minerali	10 40 30 5 5 10 30

3. Florin	Materjali ta' l-ikel b'eċċezzjoni għal : - Ikel li jorigina mill-annimali - fosfati Ikel komplet b'eċċezzjoni għal: - Ikel komplet għall-baqar, ngħag u mogħoz - fil-ħalib - oħrajn - ikel komplet għall-majjali - Ikel komplet għat-tjur - ikel komplet għall-flieles Taħlitiet minerali għall-baqar, ngħag u mogħoz Ikel komplementari ieħor	150 500 2 000 150 30 50 100 350 250 2 000 (1) 125 (2)
4. Merkurju	Materjali ta' l-ikel b'eċċezzoni għall: - ikel prodott mill-iproċessar tal-ħut jew annimali oħra ta' l-ilma. Ikel komplet b'eċċezzjoni għal: - Ikel komplet għall-klieb u l-qtates Ikel komplementari b'eċċezzjoni għal; - ikel komplementari għall-klieb u qtates	0,1 0,5 0,1 0,4 0,2
5. Nitrati	Ikel tal-ħut Ikel komplet b'eċċezzjoni għal : - ikel intiz għall-*pets* b'eċċezzjoni għall-għasafar u ħut ta' l-akwarju	60 (espress bħala *sodium nitrite*) 15 (espress bħala *sodium nitrite*)

6. *Cadmium*	Materjali ta' l-ikel li joriginaw mill-ħxejjex Materjali ta' l-ikel li joriginaw mill-annimal ħlief: - Ikel għall-*pets* Fosfati Ikel komplet għall : baqar, ngħag u mogħoz ħlief: - ikel komplet għall-frieħ tal-baqar, ngħag u mogħoz Ikel komplet ieħor ħlief : - ikel għall-*pets* ikel minerali Ikel komplementari ieħor għall-baqar, ngħag u mogħoz	1 2 10 (3) 1 0,5 5 (4) 0,5
7. *Aflatoxin B_1*	Materjali ta' l-ikel b'eċċezzjoni għal: - lewz mitħun, ċopra, il-qalba tal-gewz, zerriegħa tat-tajjar, babassu, qamħirrum u prodotti derivanti mill-iproċessar ta' l-istess ikel komplet għall-baqar, ngħag u mogħoz ħlief: - baqar tal-ħalib - frieħ tal-baqar u ħrief Ikel komplet għall-majjali u tjur (ħlief annimali zgħar) Ikel komplet ieħor Ikel komplementari għall-baqar, ngħag u mogħoz (ħlief ikel komplementari għall-annimali tal-ħalib, frieħ tal-baqar u ħrief) Ikel komplementari għall majjali u tjur (ħlief annimali zgħar) Ikel komplementari ieħor	0,05 0,02 0,05 0,005 0,01 0,02 0,01 0,05 0,03 0,005
8. *Hydrocyanic acid*	Materjali ta' l-ikel ħlief : - zerriegħa tal-kittien - torti taz- zerriegħa tal-kittien - prodotti tal-*manioc* u torti tal-lewz Ikel komplet b'eċċezzjoni għal : - ikel komplet għall-flieles	50 250 350 100 50 10

9. *Free gossypol*	Materjali ta' l-ikel b'eċċezzjoni għal: - torti taz-zerriegħa tat-tajjar Ikel komplet b'eċċezzjoni għal: - ikel komplet għall-baqar, ngħag u mogħoz - ikel komplet għat-tjur (ħlief tigieg li jkun qed ibidu) frieħ tal-baqar - ikel komplet għall-fniek u majjali (ħlief majjali zgħar)	20 1 200 20 500 100 60
10. *Theobromine*	Ikel komplet b'eċċezzjoni għal; - ikel komplet għall-baqar adulti	300 700
11. Zejt tal-mustardi li jtir	Materjali ta' l-ikel b'eċċezzjoni għal- - torti ta' *rape-seed* Ikel komplet b'eċċezzjoni għal: - ikel komplet għall-baqar, ngħag u mogħoz (ħlief animali zgħar) - ikel komplet għall-majjali (ħlief majjali zgħar) u tjur	100 4 000 (espress bħala *allyl isothiocyanate*) 150 (espress bħala *allylisothiocyanate*) 1 000 (espress bħala *allyl isothiocyanate*) 500 (espress bħala *allylisothiocyanate*)
12. *Vinyl thiooxazolidone (Vinyloxazolidine thione*)	Ikel komplet għat-tjur b'eċċezzoni għall: - ikel komplet għat-tigieg li jkun qed ibidu	1 000 500
13. *Rye ergot (Claviceps purpurea*)	Kull ikel li jikkontjeni ċerejali mhux mitħuna	1 000
14. Zerriegħa tal-ħaxix ħazin u frott mhux imkisser u mhux mitħun li jikkontjeni alkalojdi, *glucosides* jew materjal tossiku ieħor separatament jew abbinat ma' sustanzi oħra inkluzi (a) *Lolium temulentum L.,* (b) *Lolium remotum Schrank* (ċ) *Datura stramonium L.*	Kull ikel	3 000 1 000 1 000 1 000
15. Pjanta taz-zejt tar-riegnu - *Ricinus communis L*.	Kull ikel	10 (espress skond il-qxur tal-pjanta taz-zejt tar-riegnu)
16. *Crotalaria* spp.	Kull ikel	100
17. *Aldrin* 18. *Dieldrin* (Wahdu jew kombinat espress bhala *dieldrin*)	Kull ikel b'eċċezzjoni għal: smin	0,01 0,2
19. *Camphechlor (toxaphene*)	Kull ikel	0,1

20. *Chlordane* (għaqda ta' *cis-and trans-isomers* u ta' *oxychlordane*, espressi bħala *chlordane*)	Kull ikel b'eċċezzjoni għal: - smin	0,02 0,05
21. DDT (għaqda ta' DDT-, TDE- I ta' DDE*isomers*, espress bħala DDT)	Kull ikel b'eċċezzjoni għal: - smin	0,05 0,5
22. *Endosulfan* (għaqda ta' *alpha-* u *betaisomers* u ta' *endosulfansulphate* espressi bħala *endo-sulfan*)	Kull ikel b'eċċezjoni għal: - qamħirrun - zerriegħa taz-zejt - ikel komplet għall-ħut	0,1 0,2 0,5 0,005
23. Endrin (għaqda ta' *endrin* u ta' *delta-ketoiendrin*, espressi bħala *endrin*)	Kull ikel b'eċċezzjoni għal: - smin	0,01 0,05
24. Heptachlor (għaqda ta' *heptachlor* u ta' *hepta-chlorepoxide*, espressi bħala *heptachlor*)	Kull ikel b'eċċezzjoni għal: - smin	0,01 0,2
25. H*exachlorobenzene (HCB)*	Kull ikel b'eċċezzjoni għal: - smin	0,01 0,2
26. *Hexachlorocyclo-hexane* (HCH) 26.1. *alpha-isomers* 20.2. *beta-isomers* 26.3. *gamma-isomers*	 Kull ikel b'eċċezzjoni għal: - smin Ikel kompost b'eċċezzjoni għal: - ikel għall-baqar tal-ħalib Materjali ta' l-ikel b'eċċezzjoni għal: - smin Kull ikel b'eċċezzjoni għal: - smin	 0,02 0,2 0,01 0,005 0,01 0,1 0,2 2,0
27. Dioxin (għaqda ta' PCDD u PCDF), espressi fit-tossiċi internazzjonali ekwivalenti	Qalba taċ-ċitru EMENDATA BID- DIR 2003/57/KE	500 pg I-TEQ/kg (*upper bound detection limit*)
28. Berquqa- *Prunus armeniaca* L. 29. Lewz Morr - *Prunus dulcis* (Mill.) D.A.m Webb var. *amara* (DC.) Focke (= *Prunus amygdalus Batsch* var. *amara* (DC.) Focke) 30. Arblu tal-fagu mhux		

imqaxxar - *Fagus silvatica* L. 31. Camelina - *Camelina sativa* (L.) Crantz 32. *Mowrah, Bassia, Madhuca* - *Madhuca longifolia* (L.) Macbr. (= *Bassia longifolia* L. = *Illipe malabrorum* Engl.) *Madhuca indica* Gmelin (= *Bassia latifolia* Roxb.) = *Illipe latifolia* (Roscb.) F. Mueller) 33. Purghera - *Jatropha curcas* L. 34. Croton - *Croton tiglium* L. 35. Mustarda indjana - *Brassica juncea* (L.) Czern. u Coss. ssp. *integrifolia* (West.) Thell. 36. *Sareptian mustard* - *Brassica juncea* (L.) *Czern*. u Coss. ssp. *juncea* 37. Mustarda Ciniza - *Brassica juncea* (L.) Czern. u Coss. ssp. *juncea* var. *lutea* Batalin 38. Mustarda sewda - *Brassica nigra* (L.) Koch 39. Mustarda etjopjika- *Brassica carinata* A. Braun	Kull ikel	Zerriegħa u frott ta' l-ispeċi ta' pjanti elenkati fl-ewwel kolonna, kif ukoll id-derivati proċessati tagħhom jistgħu jkunu prezenti fl-ikel biss bħala traċċi mhux kwantittivament determinabbli
(1) L-awtorita` kompetenti tista' wkoll tistabilixxi kontenut massimu ta' florin ta' 1, 25% tal-kontenut tal-fosfati. (2) Kontenut ta' florin għal kull 1 % fosfru. (3) L-Awtorita' kompetenti tista' wkoll tistabilixxi kontenut massimu ta' kadmiju ta' 0,5 mg għal kull 1 % fosfru. (4) L-Awtorita' kompletenti tista' wkoll tistabilixxi kontenut massimu ta' kadmiju ta' 0,75 mg għal kull 1 % fosfru. (5) Il-konċentrazzjonijiet li jaqbzu l-limiti huma kalkaluti fil-qies li l-valuri tal-*congeners* differenti li huma anqas mil-limitu ta' kxif huma ugwali għall-limitu ta' kxif.		

ANNEX II

Sustanzi mhux mixtieqa	Prodotti ntizi għat-tmigħ ta' l-annimali	*Action threshold fi* mg/kg (ppm) relattiv għall-prodotti ntizi għat-tmigħ ta' l-annimali b'kontenut ta' umdita ta' 12 %	Kummenti u informazzjoi addizzjonali (ez. In-natura t'a l-investigazzjoni li għandha titmexxa)